**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 24 ta' Marzu 2014 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

# Il-kanzunetta bil-Malti

- Tisma' kanzunetti bil-Malti?
- Il-kanzunetta bil-Malti hija kanzunetta tal-festivals biss?
- Taf nies li jisimgħu kanzunetti bil-Malti? X'tip ta' kanzunetti jfittxu?
- Fejn jisimgħuhom? Fuq it-televixin? Fuq l-internet? Fuq ir-radju?
- Issegwi festivals tal-kanzunetta bil-Malti, bħal L-Għanja tal-Poplu?
- Fuqiex jitkellmu d-diski Maltin?
- X'taħseb fuq it-tendenza pjuttost ġdida li jsiru arranġamenti moderni ta' kanzunetti Maltin tal-imgħoddi?
- Taħseb li Malta għandha tieħu sehem fil-festival tal-kanzunetta tal-Eurovision b'lirika bil-Malti?
- Taħseb li bil-Malti jmorru aħjar jew agħar?
- Ġieli tisma' l-kanzunetta ta' gruppi żgħażagħ Maltin li tista' tqisha bħala attwali?
- X'tikkummenta dwar il-funzjoni (differenti?) tal-mużika u tal-lirika fil-kanzunetta bil-Malti?
- Tisma' kanzunetti bil-Malti fuq siti bħal Youtube?
- Semmi xi kantanti magħrufin li jkantaw bil-Malti.
- Hemm stazzjonijiet li qatt ma jdoqqu mużika bil-Malti, bid-dikjarar. X'taħseb fuq hekk?
- Taħseb li l-Malti huwa tajjeb biex jitkanta ma' kull tip ta' mużika?
- X'taħseb fuq l-għana, fuq il-ħila tal-għannejja? Tafhom it-tipi differenti ta' għana? Spirtu pront, la Bormliża, tal-fatt, fuq il-banju, fuq il-kelma...

# Studju jew xogħol barra minn Malta

- Titħajjar tistudja barra minn Malta?
- Għaliex?
- X'qasam jinteressak l-aktar?
- Liema suġġett jew suġġetti?
- Hemm esperjenzi li tista' tiksibhom biss meta tistudja barra minn Malta?
- Il-lingwi li taf jillimitawk fl-għażla tal-post fejn tistudja?
- Fejn tmur kieku? Għandek xi pajjiż jew belt partikulari f'moħħok?
- Fejn żgur ma tmurx? Għaliex?
- Jekk ma titħajjarx tistudja barra minn Malta, x'taħseb li tkun qed titlef?

- Illum jeżistu għadd ta' opportunitajiet biex tistudja barra minn Malta, fost l-oħrajn għax ninsabu fl-Unjoni Ewropea. Ġieli ħadt sehem f'xi proġett edukattiv Ewropew mal-iskola tiegħek?
- Taf li jeżistu boroż ta' studju għal min jitħajjar jistudja barra minn Malta?
- Titħajjar taħdem barra minn Malta?
- Jekk iva, jaqbillek tistudja barra?
- X'tip ta' xogħol timmaġinak tagħmel?
- Jekk tkun qed taħdem jew tistudja barra minn Malta, tibża' li ma tidrax? Jew li ma tagħmilx ħbieb? Jew li l-lingwa tkun problema?
- Taf familjari jew ħbieb tiegħek li siefru fuq studju jew xogħol?

## Ċirkli mingħajr annimali

- Ġieli mort jew ħaduk iċ-ċirklu? X'memorji għandek tal-atmosfera u l-ispettakli li rajt?
- Mill-bidu ta' din is-sena, 2014, ma jistgħux jibqgħu jidħlu f'Malta ċirkli li jkun fihom l-annimali.
- Taqbel ma' din il-liġi?
- Għaliex taħseb li daħlet din il-liġi?
- Jekk ma jkunx hemm annimali fiċ-ċirklu, taħseb li jitlef mill-identità u l-attrazzjoni tiegħu?
- Xi jkun hemm fiċ-ċirklu minbarra annimali?
- Taħseb li t-tfal jibqgħu interessati f'ċirklu li ma jkunx fih annimali? Għaliex?
- Taħseb li l-biża' li jinqala' inċident li jinvolvi l-annimali jattira lin-nies?
- Taħseb li dawk favur id-drittijiet tal-annimali qabdu maċ-ċirklu b'mod inġust meta hemm attivitajiet oħrajn tal-bnedmin li jinvolvu l-isfruttament tal-annimali? Għaliex taħseb hekk?
- Tara differenza bejn il-mod kif jiġu ttrattati l-annimali fiċ-ċirklu u f'zoo?
- Veru, wara kollox, li l-annimali fiċ-ċirklu jiġu ttrattati ħażin? Agħti eżempji.
- Jekk l-annimali taċ-ċirklu jkollhom liġijiet li jipproteġuhom u nies li jieħdu ħsiebhom mhux biżżejjed?
- Taħseb li fiċ-ċirklu hemm ukoll nies li jiġu ttrattati bħall-annimali? Jew band'oħra?

IM22o2e.14m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 25 ta' Marzu 2014 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

## Ritratti personali fuq l-internet

- Taf biha l-problema tal-abbuż tar-ritratti personali fuq l-internet?
- Kif taħseb li l-iktar isir abbuż?
- Jistgħu jiġu evitati dawn l-abbużi?
- Taħseb li n-nies li jużaw l-internet u speċjalment is-siti soċjali ma jirrealizzawx li dak li mingħalihom huwa privat jista' jkun fil-fatt pubbliku?
- Jew jafu u xorta ma jħossux li għandhom joqogħdu iktar attenti?
- Taħseb li jieħdu l-attitudni ta' "Imbagħad jiġri li jrid"?
- Ritratti ta' individwi mal-għarajjes tagħhom, ma' wliedhom, ma' tad-dar u fid-dar, ma' sħabhom tax-xogħol...
- Kif tispjegah dan il-fenomenu ta' nies li jħossu li għandhom juru r-ritratti tagħhom, anki ritratti intimi, lil kulħadd?
- Taħseb li huwa sinjal li fi żmien meta żdiedet il-komunikazzjoni virtwali donnha naqset il-komunikazzjoni personali?
- Ġieli ħadt stessi (ritratti tiegħek innifsek meħudin minnek)? Taqbel li persuna għandha titfa' stessu intimu tagħha fuq sit soċjali?
- Taħseb li s-siti soċjali huma protetti biżżejjed minn min irid jagħmel il-ħsara lil ħaddieħor?
- Taħseb li teżisti kompetizzjoni ġdida fost iż-żgħażagħ u l-kbar li tintrebaħ minn dawk li jkollhom l-ikbar għadd ta' "Likes"?
- Il-pubblikazzjoni fuq l-internet ta' dawn ir-ritratti kif qed jaffettwaw ir-relazzjonijiet bejn il-familjari, il-ħbieb, l-għarajjes, u l-ħaddiema fuq ix-xogħol?
- Tħoss il-ħtieġa li tuża ritratti personali tiegħek biex tistabbilixxi l-identità tiegħek, il-personalità tiegħek?
- Taħseb li min iqiegħed ritratti personali tiegħu għandu parti mit-tort tal-abbuż li jista' jġarrab?

## Id-djar tal-lum u tal-ġejjieni

- Tixtieq li 'l quddiem ikollok id-dar tiegħek? Jew tippreferi tikri?
- Trid li d-dar tiegħek tkun ġdida jew tippreferi li tkun dar li ilha li nbniet?
- Tinkwieta fuq iż-żieda kbira fil-bini f'Malta f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin u l-qerda tal-kampanja?
- Id-djar iqumu l-flus. Tinkwieta fuq l-ispejjeż marbutin max-xiri jew mal-kiri tad-djar?
- Taħseb li jkun aħjar jekk ngħixu f'appartamenti biss, jew fi djar ċkejknin, bħal f'ħafna pajjiżi Ewropej, speċjalment fiż-żoni urbani?
- Taħseb li llum għad għandna l-ħtieġa ta' djar kbar, bi kmamar spazjużi, u l-bqija?
- Jista' jkollna dan "il-lussu"?

- Il-familja ċkienet – id-dar trid tiċkien ukoll?
- L-ispejjeż biex tibni u biex tieħu ħsieb id-dar kibru sew, anki għaliex dejjem nippretendu li jkollna aktar faċilitajiet u kumditajiet.
- Koppji żgħażagħ ilaħħqu llum mal-ispejjeż tad-djar?
- Is-self mill-bank u l-ansjetà li joħloq.
- Il-problema tal-bini vojt, jew li jintuża ftit.
- Fejn se nibnu aktar? Jew aħjar ma nibnux iżjed? Nużaw biss dak li diġà mibni?
- Aħjar nibnu appartamenti biss? Irħas, iżgħar, inqas kedda u spiża biex tieħu ħsiebhom, biex issaħħanhom fix-xitwa u tkessaħhom fis-sajf...
- Bini ogħla biex nużaw inqas art?
- Il-problema ta' bini għoli li joħnoq bini ieħor.
- Il-bini fil-pajsaġġ Malti iħassar il-ġmiel tal-gżejjer Maltin. Ikun aħjar jekk nibnu fuq il-baħar?

## Il-promozzjoni tal-gżejjer Maltin barra minn Malta

- Kieku inti x'tagħmel biex tippromwovi lil Malta jew Għawdex barra minn Malta?
- Bħala destinazzjoni turistika; bħala post fejn tmur tgħix, jew taħdem, jew tistudja, jew tiftaħ negozju...
- X'inhuma dawk l-aspetti tal-gżejjer Maltin li tħoss li jistgħu jattiraw l-iżjed lit-turisti, l-istudenti jew l-investituri barranin?
- Taħseb li personalitajiet Maltin bħal kantanti għandhom "jintużaw" biex jippromwovu lil Malta barra?
- Liema prodotti Maltin għandna nużaw biex nippromwovu lil Malta barra?
- L-istorja rikka ta' Malta bħala attrazzjoni ewlenija: Kieku fuq liema aspetti tal-istorja tagħna tagħfas l-iżjed?
- X'tip ta' riklami tagħmel ta' Malta?
- Fejn? Fuq it-televiżjoni? Fuq il-gazzetti u r-rivisti ewlenin barra minn Malta? Videos fuq l-internet?
- Ġieli tara promozzjoni tal-gżejjer Maltin bħala post ta' xemx u baħar, post fejn hemm divertiment żagħżugħ. Taqbel ma dan it-tip ta' promozzjoni?
- Jistgħu jintużaw il-kotba fil-promozzjoni tal-gżejjer Maltin barra minn Malta?
- Malta u Għawdex bħala postijiet fejn issib "ikel bnin mediterranju"...
- Malta u Għawdex bħala gżejjer fejn l-abitanti jitkellmu lingwi internazzjonali imma għandhom ukoll il-lingwa unika tagħhom, żwieġ bejn id-dinja Għarbija u d-dinja Ewropea...
- Kieku int, il-fatt li l-ewwel lingwa tagħna hi l-Malti: (a) tiftaħar bih? (b) taħbih għalkollox? (c) issemmih wara kollox?
- L-isports f'Malta u Għawdex, speċjalment l-għads u sport ieħor tal-baħar li ma jniġġisx; sports bħall-futbol li jista' jintlagħab anki fix-xitwa għax ix-xitwa Maltija mhix qalila.
- L-organizzazzjoni ta' konferenzi f'Malta li jżewġu x-xogħol mal-esperjenza kulturali.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 26 ta' Marzu 2014 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

# Pont jew mina bejn Malta u Għawdex

- X'inhuma l-vantaġġi ta' pont bejn Malta u Għawdex? X'inhuma l-iżvantaġġi?
- X'inhuma l-vantaġġi ta' mina bejn Malta u Għawdex? X'inhuma l-iżvantaġġi?
- Taħseb li xi wieħed minn dawn il-proġetti jista' qatt isir?
- Xi jkun l-impatt ambjentali u kulturali, speċjalment fuq Għawdex, jekk isir wieħed minn dawn il-proġetti?
- Taħseb li tinbidel Malta wkoll?
- X'taħseb li huma l-alternattivi għall-pont jew għall-mina bejn iż-żewġ gżejjer? Hemm bżonn alternattiva għall-vjaġġi li hemm bħalissa bil-vapuri?
- Taħseb li Malta u Għawdex jifilħu għall-ispiża kapitali u rikorrenti ta' proġetti bħal dawn?
- Jekk ikun hemm l-involviment ta' kumpaniji barranin, taħseb li l-prezz biex taqsam jista' jkun prezz "soċjali"?
- Kif jista' jaffettwa lill-Għawdxin, lill-Maltin u lit-turisti żvilupp bħal dan?
- Hemm min jargumenta li bi proġett bħal dan, Għawdex ma jibqax "speċjali." Għall-Maltin, għall-Għawdxin, jew għat-tnejn? (xogħol, studju, divertiment)

# Ix-xorb

- X'tixrob?
- Fil-ħajja ta' kuljum? Fi tmiem il-ġimgħa?
- F'okkażjonijiet "speċjali"? Fi żmien l-eżamijiet?
- Ix-xorb fil-*parties*, fil-marċ tal-festa...
- Tixrob żejjed minħabba l-ħbieb?
- Tixrob żejjed meta tkun imdejjaq jew imdejqa?
- Għaliex meta ngħidu "x-xorb" aktarx naħsbu fl-alkoħol?
- Taħseb li x-xorb li nixorbu f'Malta u Għawdex inbidel? X'nixorbu u kemm nixorbu...
- Tixrob ilma mill-vit? Taħseb li l-ilma tal-vit għandu jkun ilma tajjeb għax-xorb?
- Tħossok ħuta barra mill-ilma jekk ma tixrobx bħal sħabek?
- Taqbel mal-viti tal-ilma li tara barra f'ċerti partijiet f'Malta li minnhom tista' tixrob?
- Tagħti kas li tixrob xorb bnin?
- Tagħti kas tal-kimiċi li jkun hemm f'ħafna mix-xorb li nixorbu?
- Tixrob minerali? Taf li fihom wisq zokkor? Li dawk li suppost huma tad-dieta jużaw kimiċi li mhumiex tajbin għas-saħħa (bħall-*aspartame*)?
- X'jiġri mill-fliexken tal-plastik tal-ilma wara li jintużaw?
- Ix-xorb u s-sewqan.

# Id-deni tax-xiri

- Xi jfisser għalik li persuna jkollha d-deni tax-xiri?
- Jew il-marda tax-xiri... l-"Onjomanija."
- Xiri bla bżonn – oġġetti li ma tużax, basta tixtri…
- Ix-xiri bħala terapija kontra l-istress u s-solitudni.
- Kumplessi kbar tal-ħwienet u supermarkets kbar li faqqsu ma' kullimkien.
- Ix-xiri fi żmien il-Milied li sar negozju kbir.
- Ix-xiri minn fuq l-internet, aktarx irħas u l-prodott ma jdumx ma jiġi.
- Il-ferneżija tas-sales, tal-offerta speċjali: tixtri tnejn għall-prezz ta' wieħed, imma inti wieħed għandek bżonn...
- Tixtri għax roħos sew il-prezz ta' prodott, imma m'għandekx bżonnu.
- Ix-xiri bħala sodisfazzjon personali.
- Ix-xiri ta' prodotti li jagħtu identità lil min jixtrihom.
- Xiri ta' ħwejjeġ mill-ħwienet, minn fuq l-internet.
- X'jinxtara l-iktar miż-żgħażagħ?
- L-opportunitajiet tas-sales; l-ingann tas-sales...
- Prodotti tad-ditta; ħwejjeġ tad-ditta.
- Taħseb li s-soċjetà tagħna saret konsumista wisq? Ħalja? Tixtri u tarmi? Tuża u tarmi bl-addoċċ?
- Taħseb li x-xiri jfittxuh l-aktar dawk li jħossuhom mhumiex imwettqa, mhux sodisfatti b'dak li huma jew b'dak li jagħmlu? Dak li *għandek* u dak li *int*...
- Ġieli xtrajt xi ħaġa għax kellha prezz għoli "u allura bilfors ta' kwalità"?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 27 ta' Marzu 2014 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

## Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira

(Dawn il-punti jgħoddu kemm għal studenti Nsara prattikanti kif ukoll għal studenti mhux Insara.)

- Xi jfissru għalik dawn il-purċissjonijiet?
- Taħseb li saru iżjed popolari minn qatt qabel? Għaliex?
- Hemm solennità fihom? Huma funzjonijiet komunitarji reliġjużi jew soċjali biss?
- Il-parteċipazzjoni tan-nies fil-purċissjonijiet infushom...
- Ir-reffiegħa li jħallsu, li jagħmlu sagrifiċċji kbar biex jieħdu sehem. Għaliex?
- Taf dwar l-irkant li jsir għall-irfigħ tal-vara? X'taħseb fuqu?
- Il-ħobża (nefħa fuq l-ispalla) li jkollhom bosta reffiegħa...
- Il-fratelli bil-ktajjen...
- Fejn isiru dawn il-purċissjonijiet? Taħseb li hemm purċissjonijiet isbaħ minn oħrajn?
- Il-kompetizzjoni bejn purċissjonijiet differenti.
- Taħseb li daħal element ta' esaġerazzjoni f'ċerti purċissjonijiet, jew sempliċiment qed jimxu maż-żminijiet, qed jiġġeddu? Żwiemel, armati sħaħ ta' suldati Rumani, annimali ta' kull xorta...
- Taħseb li jgħinu, jew itellfu, fil-meditazzjoni ta' avveniment reliġjuż hekk importanti għall-Insara?
- Drammi marbutin mal-purċissjonijiet li jsiru.
- Il-vari: min jaħdimhom? Kif jieħdu ħsiebhom?
- Il-karamelli, il-qagħaq tal-appostli, il-kwareżimal, l-isfineġ, il-pastizzi tal-inċova... għadhom isumu l-Maltin u l-Għawdxin dakinhar tal-purċissjonijiet?
- Il-kummentarji għat-turisti...
- Il-purċissjonijiet u r-relazzjoni maċ-ċelebrazzjoni tal-Irxoxt.
- Kemm taħseb li huma folklor u kemm reliġjon?

## Il-moda tar-riċetti u l-fissazzjoni bl-ikel

- Riċetti ta' kull xorta u minn kull rokna tad-dinja.
- Riċetti fuq l-internet.
- Il-ktieb tar-riċetti l-ġdid: it-tablet.
- Kokijiet fuq it-televixin Malti kull ħin tal-ġurnata.
- Għadd kbir ta' kotba tar-riċetti bil-Malti...
- Tħobb issajjar?
- Tħobb tesperimenta fl-ikel, kemm jekk issajjar u kemm jekk tiekol biss?

- L-avventura tal-ikel mid-dinja kollha...
- Riċetti veġetarjani, vegani, riċetti speċjali għal min għandu kundizzjoni medika partikulari...
- Kundizzjonijiet meqjusin bħala ġodda marbutin mal-ikel. Taħseb li huma ġodda? Huma riżultat tat-tniġġis fl-ambjent? Jew dejjem kienu jeżistu imma ma konniex nafu x'inhuma?
- Spiża ikbar fl-ikel.
- Is-safar u l-ikel mhux tas-soltu.
- Videos ta' kokijiet isajru fuq l-internet. Ġieli ppruvajt issajjar bħalhom u rajt 'il xi ħadd isajjar bħalhom?
- Programmi dwar l-ikel u oħrajn dwar id-dieta: tgħid dan bilanċ ta' biċ-ċajt?

## Ir-radju għadu mezz tax-xandir importanti?

- Tisimgħu r-radju?
- Fejn tkun meta tisimgħu? F'liema ħin tal-ġurnata?
- Id-dar? Fil-kamra tiegħek? Fuq ix-xogħol? Fil-karozza?
- X'mezz tuża biex tisma' r-radju? Is-sett tar-radju? L-internet? Il-mobile?
- Xi programmi differenti jeżistu fuq ir-radju?
- Rumanzi, mużika, aħbarijiet, interventi mit-tabib, l-avukat, in-nutar, programmi dwar temi soċjali, programmi li fihom in-nies donnhom iqerru l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom...
- Liema stazzjonijiet tisma'?
- X'tip ta' programmi tisma'?
- Tisma' mużika fuq ir-radju?
- Jogħġbuk programmi li jkollhom mużika biss, mingħajr preżentaturi?
- X'bilanċ tixtieq bejn: divertiment, informazzjoni, sport, tagħlim, u suġġetti oħrajn?
- Taf nies li jisimgħu r-radju b'mod regolari?
- X'tip ta' programmi jfittxu?
- Hemm programmi li jattiraw lin-nies ta' kull età?
- Taħseb li l-anzjani jisimgħu r-radju iktar miż-żgħażagħ? Għaliex?
- X'inhuma d-differenzi ewlenin bejn ir-radju u t-televiżjoni?
- It-televixin jgħażżnek għax ma jħallilekx il-libertà tal-immaġinazzjoni li jippermettilek ir-radju. Taqbel?

**IM22o1k.14m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 24 ta' Marzu 2014 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-kanzunetta bil-Malti

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 24 ta' Marzu 2014 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Studju jew xogħol barra minn Malta

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o1k.14m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2014

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 24 ta' Marzu 2014 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Ċirkli mingħajr annimali

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o2k.14m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 25 ta' Marzu 2014 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Ritratti personali fuq l-internet

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IM22o2k.14m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 25 ta' Marzu 2014 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Id-djar tal-lum u tal-ġejjieni

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 25 ta' Marzu 2014 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-promozzjoni tal-gżejjer Maltin barra minn Malta

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o3k.14m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 26 ta' Marzu 2014 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Pont jew mina bejn Malta u Għawdex

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o3k.14m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 26 ta' Marzu 2014 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Ix-xorb

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o3k.14m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 26 ta' Marzu 2014 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Id-deni tax-xiri

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2014

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 27 ta' Marzu 2014 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o4k.14m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 27 ta' Marzu 2014 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-moda tar-riċetti u l-fissazzjoni bl-ikel

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IM22o4k.14m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 27 ta' Marzu 2014 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Ir-radju għadu mezz tax-xandir importanti?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **DATA:** | 17 ta' Mejju 2014 |
| **ĦIN:** | mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m. |

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb it-taqsimiet kollha.

## TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI

Agħżel suġġett u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

*30 marka*

1. Titħajjar tgħix fuq pjaneta oħra?
2. L-isports fix-xitwa.
3. Il-films bħar-realtà. Ir-realtà bħall-films.
4. Klieb.
5. Din is-sena Malta qed tiċċelebra għadd ta' anniversarji importanti. Għandhom rilevanza għar-realtajiet tal-lum?

## TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA

Wieġeb mistoqsija **waħda** biss. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

6. Bosta jaħsbu li l-proċess ta' taħlit ta' ilsna barranin mal-ilsien nattiv jista' jheddu. Agħti l-fehma tiegħek u rreferi għal oqsma differenti tal-lingwa.
7. L-istudju tal-morfoloġija huwa importanti għax jixħet dawl fuq l-elementi bażiċi tal-lingwa. Taqbel?
8. Ikteb fid-dettall dwar in-neoloġiżmi, il-bdil fit-tifsir u t-trasferiment metaforiku u metonimiku.

***aqleb***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA
## IL-POEŻIJA

Wieġeb mistoqsija **waħda** b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.

*20 marka*

9. Liema tekniki letterarji jintużaw fil-poeżija Maltija biex jirrakkontaw ir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin, bħal dawk fi ħdan il-familja u l-komunità b'mod ġenerali, u bejn il-maħbubin?

10. Il-poeżija dwar il-ġens Malti sikwit hija poeżija patrijottika li tikkummenta fuq il-kwalitajiet li l-poeti jaraw fl-istorja mbiegħda u reċenti. Iddiskuti b'referenza għal poeti minn perjodi differenti tal-letteratura Maltija.

## TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA
## IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA

Wieġeb mistoqsija **waħda**. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

11. Min huma dawk il-karattri li jistgħu jitqiesu bħala "l-barranin" fid-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer? X'jagħmilhom barranin?

12. Oliver Friggieri jikteb li "Menz mhux biss isir jew jipprova jsir jaħseb bħaċ-ċittadini, iżda wkoll ma jibqax jemmen fl-esperjenza tas-sensi tiegħu." Il-ħakma tal-belt fejn imur "mhix biss fuq il-moħħ iżda wkoll fuq is-sensi." Taqbel?

13. F'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, is-Sa Marjann mhix il-protagonista tar-rumanz imma għandha rwol ċentrali fil-ħajja ta' Leli. Minn banda tagħtih l-appoġġ kollu tagħha u mill-banda l-oħra teħodha kontrih għax jipprova jaħseb b'mod differenti. Iddiskuti.

14. Taqbel mal-istqarrija ta' Oliver Friggieri li l-kriżi ta' Leli fir-rumanz ta' Ġużè Ellul Mercer "tibda biex tidher soċjali, iżda tispiċċa biex tkun psikoloġika, spiritwali, reliġjuża"?